**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 16**

It-Tlieta,15 ta' Lulju 2025

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 16A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 16.1 Talba

16.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 16.2 Ittri ta' Apoloġija

16.2.1 Il-Kunsillier Emanuel Mintoff bagħat ittra ta' apoloġija peress li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

## 16.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

16.3.1 Il-Minuti tal-laqgħat numru 14 u 15 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 16.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

16.4.1 Ċirkulari 03/2025 - *Allowances* għall-Presidenti tal-Kunsilli Reġjonali, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera b'tali ċirkulari u li ser jieħdu l-arretrati minn Jannar sa Lulju u minn Awwissu tiżdied l-*allowance* tagħhom.

16.4.2 *Email* mingħand ir-Reġjun ta' Għawdex datata 16 ta' Lulju 2025, re: Youths from Ukraine. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li ġiet mitkellma s-Segretarja Eżekuttiva tar-Reġjun ġie maqbul li dawn ser jiġu ospitati nhar il-Ħamis 21 ta' Awwissu 2025 mill-5pm sad-9pm. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi diskuss il-programm.

16.4.2 *Email* mingħand ir-Reġjun ta' Għawdex datata l-1 ta' Lulju 2025 minħabba l-*ebikes* li għandu l-kunsill sabiex jaraw jekk humiex qed jintużaw, ħalli jekk dawn mhux qed jintużaw jingħataw lill-kunsilli oħra li jridu aktar *ebikes*. Il-kunsilliera qablu li għandu joħroġ avviż ieħor sabiex jiġi vverifikat hemmx minn hu nteressat li juża tali *ebikes*. Jekk ma jkunx hemm interess jingħataw lill-kunsilli li għandhom bżonn aktar *ebikes.*

16.4.5 *Email* mingħand ir-Reġjun ta' Għawdex datata 30 ta' Ġunju 2025 rigward inizjattiva – Il-Patrun Tagħna *and* Il-Ktieb Poetiku li ser tittella' nhar l-1 ta' Novembru 2025. Il-kunsillier Salvu Felice Pace ser jivverifika mar-Reġjun x'hemm bżonn u tali terġa tiġi diskussa mas-Segretarju Eżekuttiv.

16.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li t-talba sabiex issir tabella ta' *Dead End* ġiet approvata minn Transport Malta u min-naħa tagħhom talbu

li jsiru tabelli oħra. Il-kunsilliera kkumentaw li peress li ser titwaħħal it-tabella tad-*Dead End* m'hemmx għalfejn jitwaħħlu tabelli oħra peress li hemm diġà tabelli oħra li juru direzzjoni.

16.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li bħalma kien ġie approvat, huwa applika għall-iskema ta' Lokalitajiet aktar b'saħħithom u ser ikellem lill-*insturctor* li ħadet ħsieb tagħmel il-*fitness classes* is-sena li għaddiet ħalli jara hux ser taċċetta li terġa tagħmel il-*fitness classes.* Is-Segretarju Eżekuttiv informahom ukoll li kellem lin-*nutritionist* u li ġie deċiż li jsiru sitt (6) *nutrition classes*. In-*nutritionist* bagħtet t-temi ta' diskussjoni u aktar 'l quddiem għandhom jiġu diskussi d-dati ta' meta għandhom isiru tali laqgħat.

16.4.8 *Email* rigward *European Week Waste Reduction* datata 15 ta' Lulju 2025. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi vverifikat mal-wasteserv x'attivita' tista' tittella'.

16.4.9 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li mar iċ-Ċina u ppreżenta l-*Memorandum of Understanding* iffirmat u li ressaq il-proposti tal-Kunsill.

## 16.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

16.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 16.6 Materji oħra

16.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li f'laqgħa preċedenti kien ġie diskuss u approvat li għandha tiġi restawrata t-*telephone box* li hemm fi Pjazza s-Salvatur. L-istima li ntbagħet hija ta' €531 u titranġa fil-post. Il-kunsilliera qablu ma tali stima u li tali *telephone box* għandha titranġa.

16.6. 2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ċċekkja rigward il-*banners* għall-attività Traditions: Wine, Olive Oil and Honey. Saru żewġ powsters, wieħed *portrait* u ieħor *landscape*. Intalbet kwotazzjoni wkoll għall-*banner* tal-qies ta' 7 metri b'2 metri sabiex jitpoġġa qabel ma tidħol fil-pjazza u jkun *printed* miż-żewġ naħat, però mingħajr ismijiet ta' *bands* u data sabiex ikun jista' jintuża ta' kull sena. Dan ser jiswa' €840. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi ordnat tali *banner* u għandhom jiġu ordnati 9 powsters.

16.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li t-*tender* numru GSR-2019-1 ittermina  għalhekk hemm bżonn li jerġa jinħareġ *tender* ġdid sabiex il-kunsill ikollu perit. Il-kunsilliera qablu unanimament sabiex jerġa jinħareġ *tender* għall-perit.

16.6.4 Is-Segretrarju Eżekuttiv informa li residenta qalet li hemm xi ħsarat fil-bankina u fil-madwar. Tali ħsarat saru meta kienu qed isiru xi xogħolijiet mill-kunsill. Il-kunsilliera qablu li għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex tali ħsarat jitranġaw.

16.6.5 Saret talba sabiex fi Sqaq Wied il-Qattus issir bozza ġdida. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm proċedura sħiħa sabiex tali tkun tista' ssir. Is-Sindku rrimarka wkoll li jridu jiġu mitkellma tal-Enemalta sabiex jiġi vverifikat tali bozza tistax issir jew le.

16.6.6 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li kien hemm mera ħdejn iċ-ċimiterju u din insterqet. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li fl-edifizzju tal-kunsill hemm mera *extra* u tali tista' titwaħħal mill-ħaddiema.

16.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li *Transport* Malta approvaw li issir l-i*Stop sign* fi Triq iż-Żebbuġ (tabella u *stop sign* mal-art). L-i*stop sign* mal-art saret mill-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar u t-tabella ġiet ordnata sabiex titwaħħal fil-post indikat.

16.6.8 Il-Viċi Sindku rrimarka li ser issir ħarġa u li ser jiġi pprovdut it-trasport. Il-kunsilliera qablu li għal tali ħarġa t-trasport għandu jkun mħallas mill-kunsill.

16.6.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rigward is-sena finanzjara 2023, l-awdituri bagħtu li hemm xi affarijiet li għandhom jiġu rranġati u l-*accountant* qed jieħu ħsieb li jirranġhom sabiex jerġgħu jintbagħtu lill-awdituri.

16.6.10 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace informa li l-preparamenti għall-attività tal-4 ta' Ottubru 2025 mexjin sew. Irrimarka wkoll li għandu jiġi vverifikat x'inviti għandhom jintbagħtu.

16.6.11 Ġie approvat li Jum l-Għasri għandu jsir nhar il-Ħadd, 21 ta' Settembru 2025, b'quddiesa fit-8:30am.

## 16.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

16.7.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-14 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 16.8 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss

16.8.1 Il-laqgħa ntetmmet fit-7:45 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu 2025 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar il-Erbgħa, 20 ta' Awwissu 2025.

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Segretarju Eżekuttiv**